



Brussell, 26 ta' Novembru 2019
(OR. en)

14562/19

AVIATION 243
FIN 778

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	26 ta' Novembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 13466/1/19 REV 1	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 11/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Ir-regolamentazzjoni tal-UE għall-modernizzazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru pprovdiet valur miżjud – iżda, fil-biċċa l-kbira, il-finanzjament ma kienx meħtieġ" – Konklużjonijiet tal-Kunsill (25 ta' Novembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: *"Ir-regolamentazzjoni tal-UE għall-modernizzazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru pprovdiet valur miżjud – iżda, fil-biċċa l-kbira, il-finanzjament ma kienx meħtieġ"*, adottat mill-Kunsill fit-3732 laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' Novembru 2019.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2019

tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

"Ir-regolamentazzjoni tal-UE għall-modernizzazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru pprovdiet valur miżjud – iżda, fil-biċċa l-kbira, il-finanzjament ma kienx meħtieġ"

IL-KUNSILL

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 11/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri *"Ir-regolamentazzjoni tal-UE għall-modernizzazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru pprovdiet valur miżjud – iżda, fil-biċċa l-kbira, il-finanzjament ma kienx meħtieġ"*, dwar l-impatt tal-leġislazzjoni u l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni fuq il-modernizzazzjoni tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM).
2. JENFASIZZA l-approċċ kostruttiv tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għall-opportunità tal-finanzjament pubbliku tal-UE u l-valur miżjud speċifiku ta' tali finanzjament għall-modernizzazzjoni tal-ATM, u JILQA' s-sejbiet miftuħa u kritiċi tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-effettività tal-finanzjament tal-UE fir-rigward ta' xi proġetti ta' mobilizzazzjoni awditjati tas-SESAR u l-impatt ta' tali finanzjament fuq il-modernizzazzjoni tal-ATM.
3. JENFASIZZA l-benefiċċji ta' koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni għall-modernizzazzjoni tal-ATM, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn il-partijiet ikkonċernati sabiex tiġi appoġġata l-mobilizzazzjoni ta' teknoloġiji u proċeduri operazzjonali ġodda tal-ATM fil-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru.
4. JENFASIZZA l-importanza tal-koordinazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha u l-involviment meħtieġ bl-għan tal-implimentazzjoni f'waqtha tal-proġetti komuni.

5. IFAKKAR fl-importanza tar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) bħala faċilitatur essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew. Bil-għan li jiġi mitigat id-dewmien ta' xi soluzzjonijiet tas-SESAR, il-Kunsill JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-mobilizzazzjoni f'waqthom ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi u operazzjonali għall-modernizzazzjoni tal-ambjent tal-ATM permezz ta' aċċellerazzjoni ta' investimenti relatati u s-sinkronizzazzjoni tal-isforzi.
6. JENFASIZZA li l-appoġġ finanzjarju fil-Qafas Finanzjarju Ġdid 2021-2027 għandu jinżamm u jkun debitament ġustifikat f'termini ta' valur miżjud, jirrappreżenta użu effiċjenti tar-riżorsi u jikkontribwixxi għat-titjib tal-prestazzjoni tan-netwerk Ewropew tal-ATM fl-Unjoni.
7. JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurat li s-soluzzjonijiet tas-SESAR jgħaddu mingħajr xkiel u fi żmien xieraq mill-fażi ta' żvilupp għall-fażijiet ta' industrijalizzazzjoni u ta' implimentazzjoni, FILWAQT LI JINNOTA d-differenza bejn it-tagħmir tal-ajru u l-proċessi ta' industrijalizzazzjoni tas-sistemi tal-art, u FILWAQT LI JENFASIZZA li mobilizzazzjoni f'waqtha u effettiva ta' kunċetti maturi ġodda għandha tiġi appoġġata bit-tnedija fil-pront ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali xierqa u bl-aderenza konsistenti għalihom u JAPPOĠĠA, fejn ikun meħtieġ, aktar appoġġ finanzjarju tal-Unjoni li jkun aktar iffukat għall-mobilizzazzjoni sinkronizzata u f'waqtha tas-soluzzjonijiet essenzjali tas-SESAR b'mod partikolari bl-għan li jingħelbu d-diskrepanzi bejn il-proċessi ta' industrijalizzazzjoni u ta' implimentazzjoni.
8. JIEĦU NOTA li r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jikkonkludi li hemm nuqqas ta' standardizzazzjoni fil-proġetti tas-SESAR u JAGĦRAF il-kontribut tal-istandardizzazzjoni fl-iżgurar tal-interoperabbiltà.
9. JENFASIZZA l-inkonsistenzi bejn il-proċeduri għall-allokazzjoni tal-fondi fil-mekkaniżmu tas-CEF u l-ippjanar ta' investiment għal ħames snin meħtieġ mir-Regolament (UE) Nru 317/2019 dwar l-imposti.

10. IFAKKAR li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 409/2013 jipprovdi dettalji dwar id-definizzjoni ta' proġetti komuni, l-istabbiliment ta' governanza, ir-rwoli tal-partijiet ikkonċernati operazzjonali, u l-identifikazzjoni ta' inċentivi li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew, u JIEĦU NOTA li r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jissottolinja l-importanza tal-partijiet ikkonċernati operazzjonali fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' mobilizzazzjoni.
11. IFAKKAR li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 716/2014 jistabbilixxi l-Proġett Pilota Komuni u jidentifika l-ewwel sett ta' funzjonalitajiet tal-ATM li għandhom jiġu implimentati b'mod f'waqtu, ikkoordinat u sinkronizzat sabiex jinkisbu l-bidliet operazzjonali essenzjali li jirriżultaw mill-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew. Madankollu, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri osservat li xi funzjonijiet żviluppati ma kinux maturi biżżejjed fil-mument tal-inklużjoni fir-Regolament (UE) Nru 716/2014 dwar il-Proġett Pilota Komuni. Barra minn hekk, il-konformità mar-rekwiżiti regolatorji f'termini tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 409/2013 hija pperikolata minħabba dewmien fit-tneġġja ta' soluzzjonijiet maturi.
12. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u JHEĠĠĠ lill-Kummissjoni tirrifletti, abbażi tat-tagħlimiet meħuda u r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, dwar kif tista' ttejjeb il-mobilizzazzjoni tas-SESAR u kif tista' tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess.
13. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tirrieżamina l-Proġett Pilota Komuni fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, peress li r-rieżami huwa maħsub biex jindirizza għadd ta' nuqqasijiet irrappurtati u biex jesplora l-mezzi għat-titjib tal-effettività ta' proġetti komuni fi ħdan iċ-ċiklu ta' innovazzjoni tas-SESAR, filwaqt li jinżamm il-momentum li diġà nbeda mill-Proġett Pilota Komuni.

14. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, flimkien mal-korpi involuti, fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u sabiex issaħħaħ l-effettività ta' proġetti komuni, biex tiddefinixxi aħjar il-prijoritajiet u timmira l-appoġġ finanzjarju pprovdut mill-Unjoni, sabiex tiżgura li l-proġetti jkollhom l-akbar impatt possibbli, biex tiċċara u tirrieżamina r-rwol tal-Maniġer għall-Mobilizzazzjoni tas-SESAR sabiex tittejjeb it-trasparenza fit-tnejn u l-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-finanzjament, u biex tiżgura monitoraġġ xieraq tal-benefiċċji mogħtija lis-settur tal-avjazzjoni kollu.
15. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tirrifletti dwar kif tista' torbot aħjar id-definizzjoni, l-iżvilupp, il-proċessi ta' industrijalizzazzjoni u ta' implimentazzjoni tal-proġett SESAR u saħħaħ ir-rabta tagħhom ma' mekkaniżmi oħrajn tal-Ajru Uniku Ewropej, filwaqt li jitqiesu wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri mir-Rapport Speċjali Nru 18/2017 tagħha dwar il-prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew.
16. JENFASIZZA l-importanza tal-pjan regolatorju tal-ATM u tas-SESAR bħala għodod essenzjali għall-iżvilupp u l-mobilizzazzjoni tal-infrastruttura tal-ATM fl-Istati Membri tal-UE.
